TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mary Muscat
vs
Solar Engineering Ltd

CCT G4/17

23 ta' Frar 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-2 ta' Marzu 2017 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' mitejn Euro, depozitu mhallas fuq sistema ta' pannelli solari, mixtrija minghand is-socjeta' intimata, liema pannelli qatt ma twahhlu.

Ra illi minkejja d-debita notifka, is-socjeta intimat baqghet ma wegbitx ghat-talba tar-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema x-xhieda bil-gurament, inkluz ir-rapprezentant tas-socjeta' intimata.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi fl-1 ta' Settembru 2016 ir-rikorrenti u/jew zewgha hallsu depozitu ta' mitejn Euro ghal sistema ta' pannelli solari illi kellhom jigu installati fil-fond indikat mill-attrici 'Jarra River, Triq il-Kbira, Sannat.' Dan il-hlas hu kwalifikat bhala 'Administration Fee.' Fl-istess gurnata, l-attrici applikat biex tkun eligibbli ghal ghotja ta' l-istate aid (grant) sabiex tissusidja l-prezz ta' dawn il-pannelli.

Fil-15 ta' Ottubru 2016 ir-rikorrenti rceviet notifika minghand ir-regolatur illi t-talba taghha giet milqugha.

Ir-rikorrenti tghid illi wara dan, kienet tmur diversi drabi l-hanut/ ufficju tas-socjeta' intimata sabiex jaghtuha appuntament biex jinstallaw il-pannelli izda skuza wara ohra din l-installazjoni qatt ma saret. Ir-rikorrenti tghid ukoll illi meta marret ghand is-socjeta' intimata l-ewwel darba kienu tawha x'tifhem li l-pannelli kien qeghdin 'in stock' u wara li jkollhom il-permess minghand ir-regolatur setghu jitwahhalu mal-ewwel. Dina kienet ir-

raguni principali il-ghala ir-rikorrenti ddecidiet li tqabbad is-socjeta' intimata u tidhol ghall-ispiza ta' dawn il-pannelli. Ir-rikorrenti mliet il-formoli u l-appikazzjonijiet kollha illi s-socjeta' intimata talbuha tiffirma izda wara l-ghoti tal-grant fil-15 ta' Ottubru s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti bi skuza wara l-ohra, sakemm fl-ahhar ir-rikorrenti tilfet kull fiducja fis-socjeta' intimata. Kien ghal habta ta' Jannar 2017 illi r-rikorrenti rceviet risposta minghand is-socjeta' intimata li l-pannelli harguhom mid-dwana u li setghu jitwahhlu. Ir-rikorrenti pero' f'dan l-istadju peress li kienet tilfet il-fiducja fis-socjeta' intimata irrifjutat li tehodhom u talbet li tiehu lura il-mitejn Euro depozitu illi hallset.

Illi minkejja illi s-socjeta' intimata kienet kontumaci, it-Tribunal ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, xorta sema l-versjoni taghha. Anthony Saliba ghan-nom tas-socjeta' jghid illi filwaqt illi huwa minnu li r-rikorrenti giet ghandhom u hallset mitejn Euro bhala depozitu, dan kien kwalifikat bhala 'Administration Fee' u dana peress illi mat-twahhil tal-pannelli jkun hemm hafna accertamenti teknici u dokumenti x'intlew qabel ma jkun jista' jsir l-installazjoni rikjesta. Jghid illi dan ix-xoghol kollu sar u jghid ukoll illi qabel "is-sistema ma tista' tigi installata jrid ikun hemm l-approvazzjoni mill-awtoritajiet ghaliex il-klijenta tista' titlef l-istate aid u r-rebates."

Ikkunsidra

Illi minn dan kolllu mhuwiex ikkontestat illi l-attrici hallset mitejn Euro lis-socjeta' intimata ghall-istallazjoni tal-panneli solari. L-anqas mhu kontestat illi fil-15 ta' Ottubru 2016 ir-rikorrenti rceviet l-approvvazjoni min-naha tar-regolatur ghall-installazjoni tal-pannelli. Il-kwistjoni li trid tigi kkunsidrata minn dan it-Tribunal hija jekk il-mitejn Euro depozitu humiex Administration Fee li allura jista' jaghti l-kaz illi jigu mitlufa jew inkella parti mill-prezz tax-xiri tal-pannelli.

Ikkunsidra

Minkejja illi fuq l-ircevuta hemm miktub il-kliem 'Administration Fee', dina hija dikjarazzjoni unilaterali min-naha tas-socjeta' intimata u imkien ma jidher l-firma tar-rikorrenti fejn qieghda tirrikonoxxi din il-limitazzjoni fil-hlas tad-depozitu. Ma hemm l-ebda invoice jew kuntratt iehor anness ma' din l-ircevuta. L-unika dokument iffirmat mir-rikorrenti huwa l-applikazzjoni taghha ghall-ghajnuna tal-istat ghax-xiri tal-pannelli. F'dan l-istadju dan id-dokument hu ghal kollox estraneju ghas-socjeta' intimata.

Li komunament issir f'dawn ic-cirkostanzi huwa li l-hlas tad-depozitu jsir biex ikun hemm rabta bejn ix-xerrej u l-bejjiegh sabiex il-bejjiegh jipprovdi l-oggett miftiehem u x-xerrej ihallas il-bilanc dovut. Ta' min ighid illi f'dawn il-kazijiet qatt ma jkun hemm spartazzjoni bejn xoghol amministrattiv u l-installazjoni tal-pannelli. Il-prezz mitlub huwa wiehed li jinkludi kollox u ergo d-depozitu jkun wiehed li jinkludi kollox ukoll u mhux biss parti

amministrattiva. F'dan il-kaz il-bejgh kien kondizzjonat b'terminu fejn kellhom jigu installati l-panelli. L-istess rapprezentant tas-socjeta' intimata jikkonferma illi s-sistema ma tistax tigi installata qabel l-approvazzjoni tal-Awtoritajiet. Din l-awtorizazzjoni giet fil-15 ta' Ottubru 2016, kwindi t-Tribunal kien jippretendi illi sa almenu Novembru tal-istess sena is-sistema kellha tkun imwahhla u funzjonanti. Ir-rapprezentant ighid ukoll illi huma jirrizervaw is-sistema minn barra hekk kif jircievu l-approvazzjoni mill-Awtoritajiet. Ir-rikorrenti pero' ma tghidx hekk. Anzi tixhed bil-gurament illi giet mgharrfa illi l-pannelli kienu in stock u li setghu jitwahhlu immedjatament wara l-awtorizazzjoni.

It-Tribunal huwa propens illi jemmen il-versjoni moghtija mir-rikorrenti. Mhijiet etika kummercjali illi l-kummercjant jistghad jew jillixka il-klijent b'weghdiet illi jaf illi mhuwiex sejjer ilahhaq. Is-socjeta' intimata messa kienet cara mal-ewwel mar-rikorrenti u ttiha time-frame ragjonevoli u li tista' toqghod fuqu meta l-pannelli jkunu jistghu jitwahhlu. Ma hemm xejn bil-miktub li jirregola ir-relazzjoni kummercjali bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' intimata. Dan id-dokument kien ikun utli sabiex jitnehha kwalunkwe malintiz illi seta' kien hemm bejn il-partijiet dwar l-operazzjoni ta' dan in-negozju. It-Tribunal ma jistax ma jsemmix illi s-socjeta' intimata kellha kull opportunita' biex twiegeb b'mod formali ghat-talba tar-rikorrenti u tipprovdi dawk id-dokumenti li jidrilha li jkunu utli ghal kaz taghha. Izda madankollu ghazlet li tibqa' kontumaci u kien biss bonagrazzja tat-Tribunal li semghet ir-rapprezentant tas-socjeta' intimata, illi lanqas f'dan il-kaz ipprezenta dokumenti biex jisustanzja l-argument tieghu.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lis-socjeta' intimata li thallas lura is-somma ta' mitejn Euro lir-rikorrenti. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**